– INCIDENT STRADALI BEJN ROTA U KAROZZA –
– PRINCIPJI DWAR HTIJA EXTRA-KONTRATTWALI –
– *MAIN ROAD USER* U *SIDE ROAD USER* –
– IL-KAWZA PROSSIMA TA' L-AKKADUT SINISTRU –
– SEJBIEN TA' HTIJA MA JFISSIRX NECESSARJAMENT LI D-DANNI TASSEW JEZISTU –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **514/2018**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED** [REG. NRU. C-3143] **U DINA KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TA' L-ASSIKURAT TAGHHA DR. ANDREW BALDACCHINO** [K.I. NRU. 720659M]

***VERSUS***

**GENEROSO FARRUGIA**
[K.I. NRU. 80675M]

B'Avviz tat-Talba introdott fit-30 ta' Ottubru, 2018, is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin Ewro u disa' u disghin centezmi (€737.99c) u dan wara li ppremettiet hekk:

1. Illi s-socjetà attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBP167 di proprjetà tal-assigurat tas-socjetà attrici, Dr Andrew Baldacchino [K.I. 720659M], hawn aktar 'l isfel imsejjha "il-vettura tal-atturi";

2. Illi nhar it-12 ta' Gunju 2016 sehh incident fi' Triq il-Qadi, Zejtun, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq rota, hareg minn fuq *stop sign* b'konsegwenza li dahal fil-vettura tal-atturi;

3. Illi b'hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' prudenza da parti tal-konvenut;

4. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjetà attrici s-somma kumplessiva ta' seba' mija u sebgha u tletin Euro u disa' u disghin centezmu (€737.99c) raprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi

ghalihom ghamlet tajjeb is-socjetà attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Is-socjetà attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluzi dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu, 2018 u l-imghaxxijiet.

Il-konvenut ressaq Risposta fis-16 ta' Novembru, 2018 (*a fol*. 7) fejn eccepixxa hekk:

1. Illi l-incident li sehh nhar it-12 ta' Gunju 2016 bejn l-assigurat tas-socjeta' rikorrenti u l-esponenti sehh unikament minhabba negligenza, imperizja jew nuqqas ta' prudenza da parti tal-istess assigurat u ma kienx tort tal-esponenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat fl-avviz promotur huwa esagerat.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 122) u fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2019 (*a fol*. 132) – wara li d-difensuri tal-kontendenti trattaw il-kaz – il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi moghtija illum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu rakkolti fis-segwenti deskrizzjoni.

Nhar it-12 ta' Gunju, 2016 l-assigurat tas-socjetà attrici, Dr Andrew Baldacchino, kien jinsab isuq il-vettura tieghu ta' l-ghamla 'Fiat Punto' bin-numru ta' registrazzjoni FBP-167 fi Triq il-Qadi gewwa z-Zejtun.[1] Il-konvenut Farrugia kien qieghed isuq ir-rota fi Triq l-Isqof Galea, li hija triq laterali li taghti ghal fuq Triq il-Qadi, fejn kien ghaddej Baldacchino. Meta l-konvenut hareg ghal go Triq il-Qadi, sehhet kollizzjoni bejnu u bejn il-vettura misjuqa minn Baldacchino, bil-konsegwenza illi l-attur sofra xi hsarat fl-istess vettura, filwaqt illi l-konvenut sofra griehi fuq il-persuna tieghu.

[1] Ara x-xhieda ta' Dr. Andrew Baldacchino waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 65).

Minn dak appena riportat, huwa indiskuss illi l-istanza attrici tikkwerela l-ghemil tal-konvenut u hi bazata fuq il-presuppost li minhabba l-kondotta tieghu – negligenti,[2] traskurata, imperita[3] u/jew imprudenti[4] – gew sofferti danni fil-vettura assigurata mill-attrici. Bhala korollarju, hawnhekk ninsabu quddiem xenarju tipiku ta' stharrig ta' allegata htija extra-kontrattwali li l-attrici qed tattribwixxi lill-konvenut u li dan ta' l-ahhar jinsab jirrezisti u jinnega.

Definit l-indole tal-kontradittorju bejn il-litigandi, it-Tribunal jwettaq is-segwenti rimarki u jelenka l-principji regolaturi applikabbli ghal tali vinkolu.

Hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili, taht l-Art. 1031 tieghu, li f'materja ta' danni akwiljani, hekk kif manifestament huwa l-kaz prezenti, "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*." Biex ikun hemm din il-htija hemm bzonn, skond l-Art. 1033, li l-kolpevoli jwettaq jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, jigifieri li d-danneggjant, irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trazgressjoni ta' dover skond il-ligi.[5] F'din l-ekwazzjoni jinserixxi ruhu l-parametru

---

[2] Dwar l-ipotezi ta' "negligenza" [illi fil-ligi taghna hija ekwivalenti u sinonima mà "traskuragni" - ara f'dan is-sens **Il-Pulizja (Spt. J. Hersey) v. David Borg**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), tas-16 ta' Frar, 2006], l-awtur **GIUSEPPE BETTIOL** ("Diritto Penale: Parte Generale", 9[a] ed., 1976, p. 450) jikteb illi, "*Per* negligenza *si deve intendere la disaccortezza e la disattenzione nel momento dell'azione, avvertendo però che essa può presentarsi anche nei reati di omissione. Si può invero omettere un azione doverosa per negligenza*."

[3] Dwar l-ipotezi ta' "imperizja" hawn issir kjarifika li fil-kaz odjern, naturalment, ma qieghdinx nitkellmu fuq xi negligenza professjonali (ossia "imperizia professjonali") u allura tali ipotezi ghandha tigi nterpretata fil-kwadru ta' incident stradali biex tigi tfisser illi s-soggett attiv (il-konvenut) allegatament jonqos f'dik il-hila necessarja marbuta mas-sewqan ta' vettura/rota u fil-padrunanza ta' l-istess. Definizzjoni generika hija dik li tiddeskriviha bhala "[Una] *Mancanza di abilità, esperienza, pratica e simili in ciò che si dovrebbe conoscere. Insufficiente preparazione o inettitudine che può generare responsabilità a titolo di colpa*." (*cfr*. **DIZIONARIO ZINGARELLI**, "*Vocabolario della Lingua Italiana*", ta' Nicola Zingarelli, 12[a] ed., 2002). Guridikament, il-Qorti Taljana ta' l-Appell [App. Civ. Bologna, 22 febbraio 1926 (*Riv. ital. di dir. pen.*)], sostniet illi, "*È colpevole d'imperizia non solo chi reca danno esercitando una professione che non conosce, ma anche chi, agendo nei limiti del normale esercizio delle sue attività, mostra di non possedere quello che costituisce il corredo scientifico e pratico normalmente indispensabile all'esercizio medesimo*." Addizzjonalment, fid-duttrina jinsab ritenut minn **CARLO LEGA** ("Le Libere Professioni Intellettuali", Giuffrè, 1974; p. 833) illi, "*Per quanto riguarda l'imperizia, essa è la mancanza di perizia e precisamente la mancanza di quelle cognizioni tecniche e di esperienza che si debbono applicare nel caso di cui trattasi*."

[4] Fir-rigward ta' l-"imprudenza" hu ritenut mill-Qrati taghna illi din, "*tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*." (**Il-Pulizija v. Saverina sive Rini Borg et**, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998; riportata f'*Kollezz*. Vol. LXXXII–IV–247). Aktar dettaljatament l-imprudenza giet definite minn **GIUSEPPE BETTIOL** (op. cit., p. 450) bhala, "*la classica colpa in agendo e consiste nel fatto che il soggetto opera senza le opportune cautele non attivando i poteri inibitori, mentre, qualora avesse prestato maggiore attenzione, avrebbe potuto prevedere l'evento lesivo ed evitare cosí di compiere l'azione stessa*." Ghalhekk, skond **IVO CARACCIOLI** ("Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", p. 319), "*'imprudente' è chi si comporta in maniera avventata, senza quelle cautele che sarebbero opportune (ad es., abbandona un'arma in un luogo in cui si trovano dei bambini oppure, in automobile, procede a velocità eccessiva, tenuto conto del traffico, pur senza superare il limite legale)*."

[5] Ara *in re* **Emmanuele Cassar v. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier nomine et** (Appell Civili, 26 ta' Jannar, 1962).

standard ta' dik id-diligenza li jippreciza l-Art. 1032 ta' l-istess Kodici meta jippreskrivi li l-htija tissussisti f'min "*ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*" Tali parametru standard hu spirat minn dik id-dottrina indikanti "*una forma di attenzione nei confronti dell'altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell'obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attività secondo particolari modalità; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine*" (**MASSIMO FRANZONI**, "Le Obbligazioni: Le obbligazioni da fatto illecito", Edizione UTET, 2004; p. 25 citata b'approvazjoni fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede inferjuri, *in re* **Citadel Insurance plc v. Paul Berry et** tal-24 ta' Jannar, 2007). Addizzjonalment, kif inhu maghruf fid-duttrina estera u fil-gurisprudenza domestika – kemm antikament u anke fi zminijiet moderni – biex ikun hemm lok ghad-danni hu imprexxindibilment mehtieg li jkun hemm id-debitu ness ezjologiku ta' kawzalità bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza.[6]

Ferma din l-introduzzjoni brevi dwar it-tematika tal-prezenti vertenza, il-principji guridici l-aktar rilevanti jistghu jigu katalogati hekk:

**(i)** hawn ninsabu fl-isfera tal-kwazi-delitt fejn il-legam bejn il-kontendenti jitwieled minn kondotta kolpuza (pozittiva jew negattiva) li tevolvi u twassal ghas-sinistru. Hu d-dannu *per se* li jwelled *prima facie* relazzjoni bejn min allegatament subieh ma' min allegatament ikkagunah, jew ikkonkorra biex dan jimmaterjalizza.[7] Tali vinkolu gie spjegat mill-awtur **FRANCESCO RICCI** ("Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile", UTET, 1912; Vol. VI, §89, p. 118) hekk: "*Quando il fatto, che ad altri reca danno, è a me imputabile come suo autore, io, commettendolo, consento tacitamente a sopportare tutte le conseguenze; e da questo mio assenso tacito, che s'incontra con quello del danneggiato che vuole il risarcimento, deriva l'obbligazione in me di prestare l'indennità, e nel dannegiato il diritto di chiederla*." In aggjunta ma' dan wiehed jislet mill-awtur **GIANPIETRO CHIRONI** ("La Colpa Nel Diritto Civile Odierno", 2ª ed., 1903; Vol.I, §22, p. 81) meta jispjega illi, "*Qualunque offesa che all'infuori di relazione dipendenti dall'esecuzione di un rapporto preesistente di*

---

[6] Ghad-duttrina antika ara **FADDA**, "Giurisprudenza del Codice Civile" (Vol.V, p. 721) u ghal dik moderna ara **MASSIMO FRANZONI,** "Le Obbligazzioni da Fatto Illecito" (Edizione UTET 2004; p. 292). Ghal gurisprudenza lokali ara, fost numerevoli, **John Debono et v. Negte Joseph Muscat proprio et nomine** (Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960); **Giovanni Saré v. Carmelo Farrugia et** (Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928); **Martin Paul Vella et v. Chris Micallef** (Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010); **Charles Gauci et v. Maria Borg Mizzi et noe** (Prim'Awla, 25 ta' Novembru, 2004); **Francis Busuttil v. Sammy Meliaq nomine** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002); u **Dottor Herbert Lenicker v. Joseph Camilleri** (Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 1972; mhux pubblikata).

[7] Dwar it-tematika tar-relazzjoni guridika f'kazijiet ta' din ix-xorta (i.e., danni extra-kontrattwali), it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza tieghu *in re* **Mapfre Middlesea plc v. Carmelo Saliba** deciza fid-9 ta' Jannar, 2019 (mhux appellata) li tapprofodixxi dwar il-materja.

*obbligazione sia inferta al diritto altrui, dà per sè nascita contro l'inguriante all'obbligo di rispondere: e col dire qualunque offesa s'intende qui qualunque modo col quale la violazione avvenga, e qualunque ne sia la entità, qualunque sia il diritto leso*.";

**(ii)** skond id-duttrina legali, jinsab rikonoxxut illi, "*la colpa consiste nella mancanza di quella diligenza o prudenza, che l'uomo sociale deve avere per non cagionare l'altrui danno*." (*cfr*. **ENRICO ALTAVILLA**, "La Colpa: parte prima", UTET 1957; §4 p. 11). F'aktar dettal, insibu insenjat illi, "*La colpa … presuppone una valutazione negativa del comportamento dell'agente, che è ritenuto «in colpa» quando non ha adeguato la propria condotta al livello di diligenza, o di prudenza richiesti, ovvero non ha rispettato le regole tecniche o giuridiche di comportamento proprie dell'attività da lui svolta* […] *il giudizio sulla colpa implica l'analisi di tutte le circostanze di fatto, onde accertare se il danneggiante doveva e poteva agire diversamente, in base alle regole che vanno osservate dalla persona «normale» ed accorta. La colpa è dunque esclusa se il fatto si verifica per caso fortuito, forza maggiore o, comunque, per cause che il danneggiante non ha potuto evitare e non aveva il dovere di prevedere*." (*cfr.* **ANDREA TORRENTE** u **PIERO SCHLESINGER**, "Manuale di Diritto Privato", 17ª ed., Giuffrè, 2004; §423, p. 659);[8]

**(iii)** kif ammess minn gurisprudenza lokali oltre sekolari, "*è la legge civile che soccorre il cittadino, considerato nella sua individuale personalità, e che rimetta costui nella integrità del suo patrimonio in senso lato, ove questo, in conseguenza di un delitto commesso, fosse stato in via diretta o indiretta, leso; le disposizioni della quale legge civile, a tale riguardo, si riassumono in quelle contenute nell'articolo 739 dell'Ordinanza No 7 del 1868,* (fil-prezent Art. 1033 Kodici Civili) *secondo la quale, chiunque*[9] *con*

---

[8] L-awtrici **GIOVANNA VISINTINI** ("Trattato Breve della Responsabilità Civile", CEDAM, 3ª ed., 2005; p. 87) tirrakjudi dan kollu fil-frazi segwenti: "*La colpa, in senso tecnico-giuridico, consiste in un comportamento cosciente dell'agente che, sia pure senza volontà di recare danno ad altri, è causa di un evento lesivo per negligenza, imprudenza, imperizia ovvero per inosservanza di regole o norme di condotta*." L-awtur rinomat in tema ta' htijiet kuntrattwali u extra-kuntrattwali, **GIANPIETRO CHIRONI** (*op. cit.*, §19, p.68), jispecifika illi l-kwazi-delitt huwa, "*il fatto pel quale una persona (capace d'ingiuriare) operando senza malignità, ma con imprudenza non iscusabile, dà ingiuria non contrattuale ad altri* […] *la colposa violazione di un diritto altrui, non commessa in relazione all'adempimento di un rapporto preesistente di obbligazione tra le parti; così vien rilevato il concetto dell'iniuria nel suo più largo senso, e posta la caratteristica per cui il quasi-delitto (colpa aquiliana) è separato dal delitto (dolo).*"

[9] Ghal kull bwon fini jigi puntwalizzat illi l-Art. 1031 tal-Kodici Civili ma jiddistingwix bejn persuna fizika u persuna morali. Allura, fil-kaz ta' danni *ex quasi delictu* (extra-kontrattwali) fejn dawn jitnisslu minn xi negligenza, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti inerenti ma' l-operazzjonijiet gestiti jew intraprizi minn enti morali li ghandha personalità guridika *a se stante*, dik l-istess entità ghandha twiegeb ghalihom hi stess u mhux il-persuni fizici li jikkomponuha. F'dan is-sens, fost diversi, ara *in re* **Albert**

*o senza intenzione di nuocere, fa cio che secondo la legge non puo fare od ommettersi cio che secondo la legge è tenuto a fare, è obbligato a risarcire il danno che nè risulta*" (**Onor. Edward M. Merewather v. Hamilton Sharpe et**, Prim' Awla, 20 ta' Mejju, 1903). Tabilhaqq, hekk jinghad fuq il-valutazzjoni ta' l-assjem tal-provi u tal-ligi vigenti illi, "*tanto l'uno quanto l'altro rispondono dei danni all'offeso, sia che abbiano agito scientemente, e con intenzione dolosa, sia che abbiano agito colposamente, anche col fare ciò che la legge vieta nel proposito, o coll'omettere ciò che secondo la legge erano tenuti di fare*" (**Onor. Gerald Lord Strickland v. Onor. Senatore Alessandro Mizzi**, Prim'Awla, 14 ta' April, 1931);

**(iv)** kif saput, ghal fatt jew l-att kommissiv, tekwivali l-ommissjoni illi hi individwabbli fuq il-bazi ta' norma ta' Ligi jew ta' qaghda fattwali specifika li tesigi attività determinata ghat-tutela tad-dritt ta' haddiehor. Ghalhekk, in-negligenza ma ssibx l-gheruq taghha solament f'kondotta pozittiva (kommissiva), izda anke f'dawk tal-kondotta negattiva (omissiva). Kif awtorevolment rilevat minn **CARLO LEGA** ("Le Libere Professioni Intellettuali", Giuffrè Editori, 1974; p. 832), "*Ovviamente la negligenza può essere omissiva o commissiva*." L-awtur **FRANCESCO RICCI** ("Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile", UTET, 1912; Vol. VI, §85, p. 113) jikteb, f'aktar dettall, illi l-kolpa "non *deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ciò che avrei dovuto fare.*" Fir-rigward tal-kolpa ommissiva, l-awturi **FIGONE** u **SPALLAROSSA**, ("La Colpa In La Responsabilità Civile", Torino, 1987, p. 50) jghidu illi, "*è implicito nella stessa nozione di negligenza, imperizia ed imprudenza l'aver omesso una cautela, che sarebbe servita per evitare l'evento*". U skond l-awtur modern **MASSIMO FRANZONI** (*op. cit.* p. 41) ir-responsabbilità ghal kolpa omissiva intiza f'sens strett u tekniku, "*viene in essere allorquando l'evento è derivato dalla mancata attività del responsabile, il quale aveva l'obbligo giuridico di attivarsi*". F'sens bejn wiehed u iehor l-istess hi d-dottrina klassika. Skond **GIORGIO GIORGI** ("Teoria Delle Obbligazioni", Firenze 1924; Vol.II, §151), "*quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta*

---

**Victor Mallia nomine v. Dottor Emilio Parma et nomine** (Appell Kummercjali, 9 ta' Dicembru 1968); *in re* **A. Farrugia proprio et nomine v. Sammy Meilaq nomine et** (Appell Civili, 13 ta' Mejju 1994), *in re* **Victor Galea v. Marin J. Hili nomine** (Prim' Awla, 1 ta' Otturbu 1996) u *in re* **Anthony Ventura nomine v. Nazzareno Vassallo et** (Prim'Awla, 27 ta' Gunju, 2003).

*l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur, facere adversus ea quæ non fecit'."*;

**(v)** m'hemmx bzonn ta' bilfors li jkun hemm l-infrazzjoni ta' norma pozittiva ta' dritt (ligi skritta) sabiex wiehed jigi ritenut hati ta' ghemil traskurat jew negligenti. Dan ghaliex, skond **Enrico Altavilla** (*op. cit.*, §13, p. 42), "*il dovere di diligenza e di prudenza deriva da un complesso giudizio di pericolosità di condotte, nel duplice aspetto commissivo od omissivo, così che, pur non essendo imposte da una specifica norma giuridica, sono regolate dai bisogni di convivenza sociale*." Illi ghalhekk, certu prekawzjonijiet u certa kura ghandha dejjem tittiehed bhala rispett versu l-ohrajn. Kif jiktbu l-awturi **Cadoppi** u **Veneziani** ("Manuale di Diritto Penale"; CEDAM, 2a ed., 2006; p. 326),[10] "*Ciascuno di noi, quando svolge una certa attività, è tenuto a svolgerla rispettando determinate regole precauzionali. Scopo di queste regole è quello di prevenire ed evitare che venga arrecato un pregudizio ad interessi meritevoli di tutela, o – perlomeno – di ridurre il rischio entro i margini tali da renderlo accettabile*."[11] Inoltre, l-imsemmi **Massimo Franzoni** (*op. cit.*, p. 29) jghid illi, "*Anche nel caso in cui manchi una specifica norma di legge o di regolamento, che imponga l'obbligo di osservare una determinata linea di condotta, la colpa può venire in rilievo sotto il profilo dell'imprudenza, della negligenza o dell'imperizia. In questi casi, la colpa viene individuata in un comportamento cosciente dell'agente, che senza volontà di arrecare danno, cagiona, però, un evento lesivo ad altri; in modo particolare, la giurisprudenza fa riferimento al requisito della prevedibilità o rappresentabilità dell'evento dannoso, come componente essenziale della colpa. Il giudizio sulla prevedibilità o rappresentabilità dell'evento, tuttavia, viene effettuato secondo il criterio della media diligenza ed attenzione del buon padre di famiglia, rapportato alla situazione verificatasi in concreto. Pertanto, non vi è un'indagine sulla coscienza e sulla volontà dell'agente, in quanto attraverso il confronto con il*

---

[10] Ghalkemm il-bran li gej – u ohrajn sparsi fil-prezenti decizjoni – huma mehuda minn trattist penali, ossia mill-isfera kriminali, dawn huma *non di meno* applikabbli *mutatis mutandis* ghall-isfera civili. Bhala ezemplari wiehed jirreferi ghas-sentenza *in re* **Annunziato D'Amato et v. Joseph Camilleri et** (Appell Superjuri, 3 ta' Marzu, 1958) li fiha referenzi ghal principji mehuda minn diversi trattisti kriminali dwar is-suggett tal-kolpa *in sede* civili.

[11] Kif inghad minn Lord Atkin fil-kawza tal-House of Lords *in re* **Donoghue (or M'Alister) v. Stevenson** ([1932] All ER Rep 1; [1932] AC 562; p. 580), "*There must be, and is, some general conception of relations giving rise to a duty of care, of which the particular cases found in the books are but instances. ... The rule that you are to love your neighbour becomes in law you must not injure your neighbour* […] *You must take reasonable care to avoid acts or omissions which you can reasonably foresee would be likely to injure your neighbour. Who, then, in law, is my neighbour? The answer seems to be — persons who are so closely and directly affected by my act that I ought reasonably to have them in contemplation as being so affected when I am directing my mind to the acts or omissions that are called in question*."

*parametro standard della diligenza del buon padre di famiglia, si accerta la difformità del comportamento tenuto rispetto a quello che, invece, era richiesto*.";

**(vi)** kif appena mghadud, l-ghemil allegatament traskurat jew negligenti ghandu jigi mizurat ma' standard partikolari, u cioè ma' dak ta' missier tajjeb tal-familja (*bonus pater familias*) li jissemma fl-Art. 1032 tal-Kodici Civili Malti. Fil-kawza *in re* **Il-Pulizija v. Richard Grech**[12] inghad li, "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfont tal-kondotta effettivament adoperata mà dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoè, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilità normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*"[13] Dan il-persunagg guridiku (*fictitio iuris*) huwa "*il modello che si propongono le leggi poiché, come abbiamo detto altra volta, in esso si racchiude il concetto della diligenza continua, attenta ed esatta, senza la cupa e affannosa sollecitudine dell'avaro, ne' d'altra parte è richiesta quella cura superlativa che per timore di qualche sconcio, non lascia aver pace. La legge in sostanza non vuol niente di straordinario e, quasi a dire, di forzato, ma quello che comunemente si usa dalle persone savie. Di qua del modello, si trova la negligenza, piu' o meno in quanto da esso si scosta. Mi permetto cosi di ripetere una mia formola, onde si puo' far giudizio di un altro proposto, della diligenza cioe' che* uno usa nei propri affari*, concetto di relazione se non sempre inferiore, almeno singolare, il che significa bastare quand'anche le abitudini dell'uomo siano tali da non poterlo qualificare un buono, o almeno, un perfetto padre di famiglia*" (*cfr*. **Luigi Borsari,** "Commentario Al Codice Civile Italiano", Vol. III – Parte II, §3154 p. 557). Skond in-**Novissimo Digesto Italiano** (Vol: III; vuci: "*colpa*" p. 546), "*pur dovendosi il giudizio emettere a posteriori, bisogna sempre riferirsi ad un momento anteriore, cioè allo stato di conoscenza che si aveva prima di agire, così da antevedere uno sviluppo causale. È vero che si sostiene che la soggettivazione rapportata ad un uomo medio, non è che un criterio oggettivo, ma deve notarsi che quegli che è oggetto della indagine giudiziaria deve, come criterio generale, essere giudicato con riferimento a quell tipo medio che i Romani ipotizzavano nel buon padre di famiglia, con le sue conoscenze, la sua esperienza, che gli*

[12] Riportata f'*Kollez*. **Vol. LXXX-IV-176**.

[13] Ara wkoll fuq din it-tematika d-decizjonijiet riportati f'*Kollez*. **Vol. LXXXII-IV-136**; **Vol. XLV-IV-870**; u **Vol. XLV-IV-903**.

*consentono di prevedere le conseguenze dannose o pericolose di una determinata condotta*.”;

**(vii)** l-imputabilità allegata mill-parti attrici fil-konfront ta’ dik konvenuta ssib ir-radici fil-“*volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto*.” (*cfr*. **Francesco Carrara**, “Programma Del Corso Di Diritto Criminale”, Vol.I [Parte Generale] §80, p. 88) u dan hekk kif ukoll traccjat fid-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili taghna menzjonati aktar kmieni. Dwar l-imsemmija previdibilità tas-sinistru, jinghad illi din ghandha tkun *entro* l-kanoni ta’ dak li hu ragjonevolment mistenni li jsehh jekk ghemil *ex ante* partikolari jigi addottat, mehud jew intrapriz. Hekk kif anke tafferma s-sentenza *in re* **Francis Coleiro ne vs. Carmelo Cassar** (Appell Civili, 24 ta’ April, 1964),[14] “*Biex ikun hemm lok ghad-danni, jehtieg li wiehed setgha ippreveda d-disgrazzja li kkagunat d-danni. Il-prevedibilità trid tkun ta’ probabilitajiet ragonevoli u mhux ta’ possibilitajiet remotissimi u inverosimili*.” Fuq l-istess binarji ta’ hsieb, l-awtur **Massimo Franzoni** (*op. cit.*, p. 264) jikteb illi, “*La pericolosità dell’attività deve essere apprezzabile in un momento anteriore all’evento dannoso, in modo da consentire all’operatore la predisposizione di adeguate misure di prevenzione. È, quindi, necessario effettuare una verifica* ex ante*, con un giudizio preventivo diretto a valutare se una determinata attività aveva insita una rilevante probabilità di danno e non con un giudizio* ex post*, basato sulla gravità ed entità del danno in concreto verificatosi*.”;

**(viii)** in tema tan-ness ta’ kawzalità jinsab ritenut illi, “*elemento indispensabile per l’affermazione della responsabilità è costituito dal c.d. «nesso di casualità»: ossia il danno deve essere stato cagionato dal soggetto dal quale si pretende di essere risarciti, la sua condotta deve essere stata causa dell’evento pregudizievole. Quando può dirsi che il comportamento di un soggetto sia stato «causa» di un evento dannoso? Quando senza l’azione o l’omissione in cui si è concretato quell comportamento l’evento non si sarebbe verificato. Poichè, come è ovvio, ogni condotta si inserisce sempre in un complesso di eventi, più propriamente dovrebbe dirsi che si risponde di un danno quando il proprio comportamento ha contribuito a determinarlo, ne è stata una «concausa»: ma ciò non attenua la responsabilità del soggetto, che è tenuto a risarcire l-intero danno anche se ha solo contribuito a provocarlo, mentre parimenti ne sarà responsabile (in solido) per intero chiunque altro eventualmente*

[14] Riportata *f’Kollez*. **Vol. XLVII(F)-I-258**.

*abbia concorso a causare il pregudizio*." (*cfr*. **ANDREA TORRENTE** u **PIERO SCHLESINGER**, *op. cit.*, §425, p. 661).

Allaccjat ma' din l-esposizzjoni ta' kanoni guridici – li jehtiegu jinzammu fl-isfond ta' dak kollu li ser jinghad aktar 'il quddiem dwar it-tematika ta' htija – ikun floku jigi mfakkar illi, "*La colpa invero è un* quid iuris*, sinchè sta nei volumi dei trattisti al cospetto della scienza; ma la colpa è un* quid facti*, quando deve essere provata davanti al giudice, il quale non può trovarla, se non nei fatti, che gli vengono dimostrati*." (*cfr*. **GIORGIO GIORGI**, "Teoria Delle Obbligazioni", Firenze 1924; Vol.II, §33 p. 57). L-istess filosofija forensi tinsab rispekkjata fis-sentenza *in re* **Ingegnere Frank Calafato v. Carmelo Dimech** (Appell Superjuri, 23 ta' Novembru, 1921) fejn hemm precizat illi, "*quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di cui reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli è nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poichè la colpa è un'ipotesi giuridica e generica finchè sta nelle disposizione della legge o nei tratti di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili*." Fl-istess sens huma wkoll ig-gjà citati **Dottor Herbert Lenicker v. Joseph Camilleri** u **Charles Gauci et v. Maria Borg Mizzi et *noe***. In aggjunta, huwa opportun li jigi registrat illi, "*l-accident mhux xi entità astratta izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-entità tieghu; event bl-incidenti inerenti mieghu in kwantu minnu jidderivaw danni; il-kwestjoni mhix biss ta' kawzalità izda wkoll ta' responsabilità, u min bin-negligenza tieghu kkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza d-danni li jkunu graw ikun ikkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza l-'accident' u pro tanto hu responsabbli ghalihom*" (**Joseph Cachia v. Carmelo Conti et**, Appell Civili, 2 ta' Marzu, 1964).

Ghalhekk, jikkompeti lis-socjetà attrici turi l-htija li hi tinsab taddossa fuq il-konvenut, cioè li tiskonfina mit-teorija astratta u konkretament tipprova l-allegazzjonijiet proprji kontra l-parti mharrka. *Del resto* huma massimi ta' Dritt minsuga fit-tessut ta' l-ordinament patriju illi jaffermaw li *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat* u illi *affirmanti incumbit probatio*, hekk kif riflessi fil-kanoni ta' l-Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-kaz odjern, din il-prova inkombenti fuq l-attrici tiehu forma triplici, ossia li s-sinistrat ghandu jipprova tlett ingredjenti b'mod kumulattiv biex jikkonkretizza l-allegata responsabbilità fil-parti konvenuta.

Fl-ewwel lok, hemm il-htiega li d-danneggjat juri li d-danneggjant kien kolpevoli fl-ghemil tieghu, ossia li juri li l-agir kien indott minn, *inter alia*, traskuragni, imprudenza u imperizja (delinejati aktar 'il fuq). Fit-tieni lok, id-danneggjat

ghandu jaghti evidenza sobrija li hu sofra hsara. Fit-tielet, u l-ahhar lok, l-istess danneggjat ghandu juri li d-dannu minnu patit kien ir-rizultat dirett ta' l-ghemil tad-danneggjant. Dawn it-tlett rekwiziti huma mhaddna sia fid-duttrina forensi u sia fil-kazistika tal-qrati taghna. Mill-ottika tad-duttrina wiehed jissenjala l-awtur **GIOVANNI PACCHIONI** ("Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni", CEDAM, 1940; Vol. IV, p. 141) illi jikteb li, "*Per ottenere il risarcimento, il danneggiato deve dunque dare una triplice dimostrazione e cioè: 1° ) deve dimostrare che effettivamente ha subìto un danno; 2°) che questo danno fu causato da colui al quale ne chiede il risarcimento, e non da altri; 3°) che fu da lui causato per sua colpa o negligenza, che cioè fra il danno e il fatto colposo vi fu un rapporto di causa ad effetto o, in altre parole, un nesso causale*." Mill-perspettiva domestika, wiehed jirreferi ghas-sentenza, fost ohrajn, *in re* **Francis Busuttil v. Sammy Meliaq noe** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002) fejn il-Qorti sostniet li f'azzjoni tendenti ghar-rizarciment ta' danni, "*l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilità ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddizimpenjax ruhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut*". Fl-istess vina, ara wkoll ig-gjà citata decizjoni *in re* **Martin Paul Vella et v. Chris Micallef**.

Spjanat dan it-terren akkademiku, wiehed idur issa ghall-provi in atti li, minn ottika fattwali, jitfghu dawl fuq l-impronta tal-htija, jew le, allegata mill-parti attrici kontra dik konvenuta.

Skond Baldacchino, assigurat mas-socjetà attrici u sewwieq tal-vettura FBP-167, huwa kien qieghed isuq b'velocità baxxa u hekk kif kien ser jixref quddiem Triq l-Isqof Galea, li tinsab fuq in-naha tax-xufier, semgha hoss ta' *brake* ta' rota u daqqa kbira, u ra wicc ta' ragel mahbut mal-hgiega tat-tieqa tan-naha tax-xufier.[15] L-istess Baldacchino jghid illi huwa fl-ebda hin ma ra lill-konvenut, sakemm dan ma kienx jinstab mahbut mal-vettura tieghu,[16] u jghid ukoll illi ma' l-impatt huwa waqaf mill-ewwel.[17] Minn naha tieghu l-konvenut isostni illi huwa kien waqaf fuq l-i*stop sign* u hares lejn ix-xellug u lejn il-lemin u ma kien ra l-ebda vettura meta iddecieda li jattraversa t-triq, izda waqt li kien qieghed jaqsam f'daqqa wahda sab il-vettura ta' Baldacchino ma' wiccu u prova jzomm il-*brake* izda peress li kien hemm ftit wisq spazju bejnu u l-vettura misjuqa minn Baldacchino ma rrnexxilux

[15] Ara x-xhieda ta' Dr Andrew Baldacchino waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2019 (*a tergo* ta' *fol.* 65 u *a tergo fol.* 68).
[16] *Ibid.* (*a tergo* ta' *fol.* 67).
[17] *Ibid.* (*a fol.* 67).

jevita l-kollizjoni.[18] Qabel mall-verzjoni ta’ Baldacchino illi meta sehh l-impatt il-vettura ta’ Baldacchino kienet waqfet minnufih[19] u jghid ukoll illi kellu vizwali tajba u twila ta’ Triq il-Qadi.[20]

Mill-provi avvanzati mill-partijiet johorgu dawn il-fatturi oggettivi:

**(a)** huwa fatt indiskuss, u anke inkontestat, illi l-assigurat ta’ l-attrici kien qieghed isuq il-vettura tieghu fi triq principali, filwaqt illi l-konvenut kien qieghed isuq rota fi triq laterali li kellha *stop sign*;

**(b)** huwa wkoll indiskuss illi l-konvenut kellu vizwali tajba u fit-tul tat-triq principali. Dan huwa fatt ammess minnu stess quddiem dan it-Tribunal;[21]

**(c)** huwa wkoll fatt oggettivament stabbilit, tramite l-evidenza relattiva in atti, illi ma gietx skreditata jew attakkata, li l-vettura assigurata soffriet xi danni, ghalkemm l-estent tad-danni sofferti qieghed jigi kkontestat mill-konvenut;[22]

**(d)** l-assigurat tas-socjetà attrici xehed quddiem dan it-Tribunal illi huwa ma rax lil konvenut qabel ma sehh l-impatt, filwaqt illi l-konvenut xehed illi huwa kien diga’ jinsab fil-*crossroad* meta sab il-vettura ta’ l-attur ma’ wiccu meta pprova jzomm il-*brake*;[23]

**(e)** huwa inkontestat ukoll illi l-assigurat tas-socjetà attrici waqaf minnufih mal-impatt, kif gie ikkonfermat mill-konvenut stess;[24]

**(f)** hadd mill-partijiet ma ressaq xhieda okulari quddiem dan it-Tribunal sabiex jaghtu aktar dawl fuq l-akkadut, u dan minkejja illi l-assigurat tas-socjetà attrici kellu lil ibnu, li fiz-zmien tal-incident kellu tmintax-il sena, bhala passaggier fuq quddiem mieghu.[25]

Minn dak fuq premess, jidher li bhala dinamika ta’ l-incident l-assigurat ta’ l-attrici kien utent ta’ triq principali filwaqt li l-konvenut kien utent ta’ triq laterali. Ghalhekk, Farrugia ghandu jigi klassifikat bhala “side road user”, filwaqt li

---

[18] Ara xhieda ta’ Generoso Farrugia waqt is-seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2019 (*a tergo* ta’ *fol.* 123).
[19] *Ibid.* (*a tergo* ta’ *fol.* 130).
[20] *Ibid.* (*a fol.* 129).
[21] *Ibid.* (*a tergo* ta’ *fol.* 128).
[22] Ara r-ritratti annessi mas-*Survey Report* (*a foll.* 33–49), ir-ritratti mehuda mill-assigurat tal-attur dakinhar stess tal-incident immarkati bhala ‘Dok AB6’ (*a fol.* 64) u x-xhieda ta’ Antoine Mugliett waqt is-seduta tal-20 ta’ Marzu, 2019 (*a tergo* ta’ *fol.* 89).
[23] Ara x-xhieda ta’ Generoso Farrugia waqt is-seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2019 (*a tergo* ta’ *fol.* 123).
[24] *Ibid.* (*a tergo* ta’ *fol.* 130).
[25] Ara x-xhieda ta’ Andrew Baldacchino waqt is-seduta tal-20 ta’ Frar, 2019 (*a fol.* 66).

Baldacchino bhala "main road user". Is-segwenti osservazzjonijiet huma l-principji generali applikabbli ghal tali qaghda:

**(i)** fis-sentenza *in re* **Dr. Francis Portanier v. Carmelo Mallia** (Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005), in prim'istanza (decizjoni tat-2 ta' Lulju, 2004) kien inghad li, "*F'materja simili hija gurisprudenza kostanti illi sewwieq li hiereg minn side-road ghandu piz kbir mitfuh fuqu li qabel ma johrog fuq it-triq principali ghandu jieqaf, jesplora t-triq sew u meta johrog, johrog bil-galbu (edging out) u minghajr ma jaghmel hsara ghall-flow tat-traffiku fuq it-triq principali. F'kull hin ghandu jzomm a proper lookout. Da parti l-ohra, fir-rigward tas-sewwieqa tat-triq fuq il-main-road, ghalkemm ghandhom id-dritta m'ghandhomx jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom. Huma tenuti wkoll li jzommu a proper lookout.*" Il-Qorti ta' l-Appell qablet interament mad-decizjoni appellata u ziedet tghid mà l-appena citat bran illi, "*hu taghlim daqstant iehor importanti illi min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog 'inching out' u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha*.";

**(ii)** inoltre, d-dover tas-*side road user* hu li dan irid jidhol gol-"main road" bla ma jiehu riskji li sewwieq prudenti ma jiehux. *Side road user* ma jistghax johrog go *main road* bl-izgiccaturi (ara **Il-Pulizija v. Giuseppe Galdes**, Appell Kriminali, 30 ta' Mejju, 1953) u meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda' jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox (ara **H. Farrugia v. R. Ripard**, Appell Superjuri, 15 ta' Frar, 1974; mhux pubblikata). Tali taghlim japplika *mutatis mutandis* jekk is-*side road user* huwa persuna abbord rota;

**(iii)** ghalhekk, Farrugia kellu d-dover li, wara li jaccerta li jista' johrog ghal fuq it-triq principali, jaghmel it-traversata minghajr titubanzi jew ezistazzjonijiet stante li hija regola fil-Kodici Stradali li, "*it-traffiku fit-triq principali ghandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun diehel, jew li jkun se jhalli t-triq principali*" (Reg. 212 - "id-Dritta tat-Triq" tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq p.53) liema regola hija kodifikata fl-Artikolu 82(1) tal-L.S. 65.11 "Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur" li tipprovdi li, "*Id-driver ta' vettura li jkun gej minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu jhalli jghaddi t-*

*traffiku tat-triq principali*." Wiehed jista' wkoll jaghmel referenza ghall-Artikolu 82(4) ta' l-istess L.S. fejn jinghad illi, "*Meta zewg vetturi jaslu f'toroq differenti li jiffurmaw junction forma ta' T, dik li tkun fit-triq junction ghandha taghti precedenza lil dik fit-triq id-dritta*.";

**(iv)** anke l-*main-road user* ghandu certu obbligi f'dan ix-xenarju. Dan hu principju, ormai stabbilit f'bosta decizjonijiet tal-qrati taghna, hekk bhal per ezempju fil-kawza *in re* **John Farrugia v. Edmond Camilleri** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn insibu mtenni li, "*il-main road user m'ghandux, unikament bhala tali, xi brevet ta' immunitá minn kwalunkwe responsabbilità f'kull infortunju stradali li jkun ko-involt is-side road user. Primarjament, ghaliex id-diligenza fis-sewqan hi rikjesta indistintament mill-konducenti kollha, sija jekk ikunu gejjin minn toroq laterali jew magguri*." Addizzjonalment, fis-sentenza *in re* **Nazzareno Azzopardi v. Maria Dolores Fenech** (Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-30 ta' Gunju, 2004) inghad hekk: "*Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent* [...] *l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt*."[26] Dan it-taghlim, u iehor fl-istess vina, hu misjub fis-sentenzi, qalb ohrajn, fl-ismijiet **Maggur Alfred Stagno Navarra v. Nicola Saliba et** (Appell Superjuri, 27 ta' Novembru, 1961); **Il-Pulizija v. George Buttigieg et** (Appell Kriminali, 30 ta' Marzu, 1963); u **Fogg Limited et v. Martin Vella** (Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 2001);

**(v)** tirrizulta presunzjoni *iuris tantum* li bejn *side road user* u *main road user*, huwa dak ta' l-ewwel li hu *prima facie* prezunt jahti ghas-sinistru. Dan ghall-motivi gja' hawn fuq esposti. Madanakollu l-presunzjoni hija wahda *iuris tantum* u mhux *iure et de iure* u ghalhekk tista' tigi meghluba bi provi li juri xort'ohra. Sakemm dan ma jsehhx, il-*main road user* hu mhejjun minn dak provdut fl-Artikolu 1234 tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Dak li għandu favur tiegħu preżunzjoni stabbilita mil-liġi, hu meħlus minn kull prova tal-fatt preżunt.*"

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Jigi osservat illi x-xhieda tal-konvenut, fejn jghid li huwa waqaf fuq l-*istop sign* u hares sew qabel ma saq ghal got-triq principali, ftit li xejn hija kredibbli ghat-Tribunal. Il-konvenut innifsu jghid illi kellu vizwali tajba u fit-tul tat-triq principali fejn kien qieghed isuq l-assigurat tas-socjetà attrici. Ghalhekk huwa tassew inverosimili li minkejja li waqaf fuq l-*istop sign* u spezzjona it-triq miz-zewg

[26] Ara s-sentenza citata ghal rassenja utili ta' kazistika fuq dan il-punt specifiku.

direzzjonijiet (xellug u lemin), baqa' ma rax il-karozza misjuqa minn Baldacchino, izda sabha ma' wiccu fl-inkrocju. Dan specjalment ikkonsidrat illi, anke skond il-konvenut stess, l-assigurat ta' l-attrici waqaf mill-ewwel meta sehh l-impatt – li jeskludi l-possibilità li Baldacchino kien qieghed izomm velocita gholja jew eccessiva. It-Tribunal ghalhekk iqis illi m'huwiex minnu dak li jikkontendi l-konvenut (i.e., li huwa waqaf u hares qabel ma hareg ghal got-triq principali), u li mill-provi rakkolti huwa ferm aktar verosimili illi l-konvenut qabad u hareg ghal got-triq principali b'mod azzardat jew bi traskuragni u minghajr ma prudentement accerta ruhu li seta' johrog bla ebda xkiel, ghalih u ghal ohrajn.

Ghalkemm fir-Risposta tieghu il-konvenut isostni li kien ix-xufier tal-karozza li kien qed isuq b'mod traskurat u imprudenti, l-istess konvenut ma ressaq l-ebda prova konkreta li tikkorobora din it-tezi. Fix-xhieda tieghu Baldacchino spjega illi huwa jaf l-agwati sew u minhabba t-toroq laterali li jaghtu ghal fuq it-triq principali li minnha kien ghaddej, huwa kien qieghed isuq bil-mod.[27] Din ix-xhieda hija kkorroborata mill-fatt illi Baldacchino waqaf hekk kif sehh l-impatt, fatt li jixhed sostanzjalment dwar velocità moderata, prudenti u solerti.

Ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal, it-traskuragni u imperzija addebitata mis-socjetà attrici lill-konvenut tirrizulta mill-provi, filwaqt li ma jirrizultax illi kien hemm xi kolpa minn naha ta' l-assigurat ta' l-attrici. Jirrizulta, ghaldaqstant, illi l-konvenut kolpevoli f'ghemilu, liema agir kien indott minn traskuragni, imprudenza u imperizja. U jirrizulta wkoll li d-dannu mgarrab mid-danneggjat (parti attrici) kien rizultat dirett ta' l-ghemil esklussiv tad-danneggjant (parti konvenuta). *In poche parole*, il-kap tal-htija allegata, ossia responsabilità, fil-konvenut jinsab debitament pruvat u l-istess konvenut ghandu jwiegeb ghas-sinistru lamentat.

It-Tribunal issa jdawwar l-attenzjoni tieghu ghall-kap tad-danni u tal-*quantum* relattiv.

Il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilità ghad-danni ma jfissirx necessarjament li d-danni tassew jezistu u jekk dawn jezistu, huma fil-*quantum* pretiz mid-danneggjat attur. Dan l'ghaliex jaggrava dejjem fuq il-kreditur ta' l-obbligazzjoni li jipprova l-ezistenza u l-entità tad-danni li hu jallega li sofra. F'dan is-sens ara *in re* **Mckay v. Borg** (Appell Civili, 28 ta' Jannar, 1966), *in re* **Carmelo Bugeja v. Lorenzo Cassar** (Appell Civili, 1 ta' April, 1966), *in re* **Joe Xuereb Holding Co. Ltd v. Marlene mart Francis Xuereb et** (Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 2005), *in re* **Louis Sammut et v. Carmelo sive Charles Zammit** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005), *in re* **Francis Ciantar pro et noe v.**

---

[27] Ara x-xhieda ta' Dr. Andrew Baldacchino waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2019 (*a tergo* ta' *fol.* 65).

**Norman Clews et** (Prim'Awla, 12 ta' Ottubru, 2005) u *in re* **Claire Camilleri v. Paul Gauci et** (Prim'Awla, 30 ta' Jannar, 2008).

Fil-kaz odjern il-konvenut m'huwiex qieghed jikkontesta illi l-vettura assigurata mill-attrici sofriet danni fl-incident in kwistjoni, però jinsab jikkontesta l-*quantum* mitlub, li skond hu huwa ezagerat.

Rigward il-kap tad-danni is-socjeta attrici ressqet is-segwenti provi:

**(i)** *survey Report* redatt minn Antwan Mugliett, skond liema l-ispiza ghat-tiswija tal-vettura assigurata u l-valur ta' erba' granet ta' telf ta' uzu minn naha ta' l-assigrat, huma fl-ammont globali ta' €660.99c.[28] Rigward dan ir-rapport, Mugliett elabora ulterjorment quddiem it-Tribunal illi l-hsara fil-vettura assigurata ma kienetx wahda kbira u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jinbidlu l-bibien izda biss li jigu mibdula xi *moldings* u *side repeater*, ghalkemm kien hemm bzonn li jsir certu zarmar biex ikunu jistghu jigu *sprayed*.[29] Dan ix-xhud zied ukoll illi l-ammont indikat minnu huwa attwali u mhux stima, ghalkemm ma jinkludix il-prezz tal-*parts*;[30]

**(ii)** *invoice* mahruga minn 'Galdes and Mamo' ghall-*parts* li kellhom jigu rimpjazzati, b'valur ta' €60.54c,[31] li giet ikkonfermata bil-gurament ta' Andrew Mamo;[32]

**(iii)** ricevuta mahruga min 'Pyramid Enterprises (Garage) Ltd' fit-18 ta' Gunju, 2016 ghat-tiswija tal-vettura assigurata u l-kirja ta' vettura ohra ghall-uzu ta' Baldacchino waqt din it-tiswija, b'valur totali ta' €677.46c.[33] Raymond Axisa kjarifika illi "moldings" huma lastiku li jkollu jinbidel jekk jigi maqlugh, u li kellha tinbidel ukoll il-lampa tal-*indicator* tal-genb ta' l-istess naha u illi l-maggor parti ta' l-ispejjez jirrigwardaw ix-xoghol ta' *spray*.[34]

Però, wara li ra r-ritratti esebiti mas-*Survey Report* u r-ritratti esebiti mill-assigurat tas-socjetà attrici, dan it-Tribunal m'huwiex konvint illi t-tiswijiet li saru fuq il-bieba ta' wara tal-vettura kellhom isiru minhabba d-danni kkawzati mill-incident mertu ta' dawn il-proceduri.[35] Minn dawn ir-ritratti jidher illi l-bieba ta' wara tal-vettura

---

[28] Ara 'Dok: MA 8' (*a fol.* 31).
[29] Ara x-xhieda ta' Antwan Mugliett waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu, 2019 (*a tergo* ta' *fol.* 89 u *a tergo* ta' *fol.* 90).
[30] *Ibid.* (*a tergo* ta' *fol.* 91).
[31] Ara 'Dok: MA 10' (*a fol.* 50).
[32] Ara x-xhieda ta' Raymond Axisa waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju, 2019 (*a fol.* 118).
[33] Ara 'Dok MA 11' u 'Dok MA 12' (*a fol.* 51 u 52 rispettivament).
[34] Ara x-xhieda ta' Raymond Axisa waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju, 2019 (*a fol.* 116).
[35] Ara r-ritratti ezebiti a *foll.* 33–36 u 43–45.

kellha diversi grif li lanqas biss gie allegat li kienu saru minhabba dan l-incident. Apparti minn hekk, il-grif fuq il-bieba ta’ wara tal-vettura muri fuq ir-ritratti prezentati minn Baldacchino[36] ma jidhirx kompatibbli mad-dinamika tal-incident skond kif irrakkontat minnu u mill-konvenut, u hawnhekk it-Tribunal josserva illi peress illi Baldacchino caqlaq ir-rota tal-konvenut qabel ma ttiehdu r-ritratti u saru l-investigazzjoni necessarji, huwa ferm aktar difficli ghalih illi jipprova kif, ghalkemm l-impatt sehh fuq in-naha ta’ quddiem tal-vettura, mal-*mudguard* ta’ quddiem, il-vettura soffriet il-grif indikat minnu fuq il-bieba ta’ wara. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut m’ghandux jigi mgieghel jaghmel tajjeb ghall-ispejjez inkorsi ghat-tiswija tal-bieba ta’ wara, peress illi ma jirrizultax sufficjentement pruvat illi d-dannu allegat sar bi htija tal-konvenut jew minhabba fih.

Ghalhekk mill-ispejjez marbuta ghax-xiri ta’ *parts*, ghandha titnaqqas is-somma ta’ €17.72c[37] rapprezentanti “*Rear Door* Molding”, sabiex b’hekk l-ammont relatat mal-*parts* li ghalih ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut huwa fl-ammont ta’ €42.82c. L-ispiza ghal *panel beating* u *spraying* giet fl-ammont ta’ €621.30c.[38] Peress illi dan l-ammont jirrifletti t-tiswija ta’ zewg bibien, it-Tribunal iqis illi l-konvenut ghandu jhallas nofs dan l-ammont u cioè €310.65c, li flimkien mas-somma ta’ €56.00c ghall-kiri ta’ vettura ohra waqt li l-vettura ta’ Baldacchino kienet qed tissewwa, jwasslu ghall-total ta’ €366.56c. Ghalhekk l-ammont globali dovut mill-konvenut lill-attrici huwa ta’ erba’ mija u disa’ ewro u tmienja u tletin centezmu (€409.38c).

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut izda jilqa’ it-tieni wahda, jilqa’ t-talba ta’ l-attrici hekk kif gej:

**I.** Jiddikjara illi l-konvenut Generoso Farrugia hu unikament responsabbli ghall-incident datat 12 ta’ Gunju, 2016;

**II.** Konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut Generoso Farrugia jhallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ erba’ mija u disa’ ewro u tmienja u tletin centezmu (€409.38c), bl-imghax fuq dan l-ammont bir-rata ta’ 8% fuq din is-somma dekorribbli mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’

[36] Ara r-ritratti ezebiti a *foll.* 61, 62 u 64.
[37] *Rear Door Molding* fl-ammont ta’ €21.60c (meta jigi applikat l-10% skont li inghata skond il-fattura) + 18% it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ara l-fattura *a fol.* 50).
[38] L-ammont fatturat, dedott l-iskont moghti, u inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ara l-fattura *a fol.* 51).

Marzu, 2018 (cioè mill-24 ta' Marzu, 2018[39]) sad-data tal-pagament finali u effettiv.[40]

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 21 ta’ Marzu, 2018, ghandhom jithallsu in kwantu ghal 75% mill-konvenut u in kwantu ghar-rimanenti 25% mis-socjetà attrici.

***ft.* Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft.* Adrian Pace**
*Deputat Registratur*

---

[39] Ara *a tergo* ta’ *fol*. 53.
[40] Dwar id-dekorrenza ta’ imghax precedenti talba gudizzjarja (i.e., kawza), it-Tribunal jissenjala dan it-taghlim tal-qrati taghna: “*per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore de eseguire la sua obbligazione*” (*cfr*. **O’Connor v. Bruno Olivier**, riportata f’*Kollez*. Vol. XVI-I-84). Tali hsieb jinsab kondiviz fid-decizjoni *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta’ Marzu, 2003). “*Fuq l-aggravju ta’ l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta’ l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi (“O’Connor -vs- Bruno Olivier” a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima “in illiquidis non fit mora”.*” (*cfr*. **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Paul Tabone** (Appell Inferjuri, 17 ta’ Frar, 2003). “*Inoltre, hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista’ facilment jiddetermina l-ammont ……. il-massima in illiqudis mora non contrabitur mhix applikabbli. “La massima in liquidandis non fit mora intanto e’ da accogliersi in quanto la illiqudita’ del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile”. “Quando il debito e’ certo, ed il debitore puo’ facilmenti determinare l’ammontare, si rende inapplicabile il principio inm liquidandis non fit mora” (App. Venezia, 24 Aprile 1908, Comune di Verona c. Societa’ Gas di Verona, Temi 938 ; Cassaz. Napoli 11 Gennaio 1908, Di Mario c. Societa’ pel Risanamento di Napoli ; Corte di App. 48, Dir. E Giur. XXIII, 692).*” (*cfr*. **Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon**, Qorti tal-Kummerc, 16 ta’ Frar, 1954; riportata f’Kollez. Vol. XXXVIII-III-642), Tali hsieb jinsab kondiviz fid-decizjoni *in re* **Carmelo Galea v. Kenneth Mizzi et noe** (Appell Superjuri, 5 ta’ Ottubru, 2001). Sentenzi ohra li jhaddnu l-istess perspettiva huma **Albert Mallia v. Albert Camilleri et** (Appell Superjuri, 1 ta’ Dicembru, 2014); **Konnekt Talent Search & Selections Co Ltd v. Avantgarde Holdings Ltd** (Appell Inferjuri, 24 ta’ Gunju, 2015) u **TGS Company Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 18 ta’ Lulju, 2017).